MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 979/2009

**Michael Attard Limited (C32362)**

**vs**

**Carmela Cassar (ID 282251M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Novembru 2009, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija u disgha u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€499.85) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghax ulterjuri.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ghaldaqstant** peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erba` mija u disgha u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€499.85), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------